Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 2 ta' Frar 2001.

Avviz Nru: 1303/00

History & Adventure Company Limited

Vs

Gejtu Debattista, Stephen Saliba u Manwel Fenech fil-kwalita' rispettiva taghhom ta' President, Segretarju u Tezorier ghan-nom ta' Hamrun Spartans Football Club

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' hames mija, hamsa u disghin Liri Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm595.76), liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz ghall-servizzi provduti lilhom skond Invoice No. 125 ta' 28 ta' Lulju, 1999.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru ta' l-14 ta' Lulju 2000 u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-servizzi sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti nomine, li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici. Ghaldaqstant wara li rat id-dokument esebit u wara li semghet bil-gurament lil Francis Gregory issib li t-

talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti fil-kwalita' premessa taghhom sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' hames mija u hamsa u disghin liri Maltin u sitta u sebghin centezmi (Lm595.76c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mit-28 ta' Lulju 1999.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg